MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 206/2015

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet :

Illi hija zzewget lill-intimat CD permezz ta’ cerimonja religjuza fl-20 ta’ Mejju 2006, (Certifikat taz-zwieg anness  Dok. ‘A’.

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazjoni personali permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottoressa Roberta Bisazza fl-erbatax (14) ta’ April tas-sena elfejn u hdax (2011), kopja qed tigi hawn annessa u mmarkata  Dok. ‘B’.

Illi kif jirrizulta mill-anness kuntratt ta’ Separazzjoni Personali m’hemm l-ebda manteniment dovut lil xi wahda mill-partijiet, stante li l-istess manteniment gie rrinunzjat reciprokament fil-kuntratt ta’ separzzjoni personali su riferit;

Illi ghalhekk ghaddew aktar minn erba` (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk jikkonkorru l-kriterji rijesti mill-ligi ghal-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex li din il-Qorti m’ghandhiex  tiddikjara mahlul iz-zwieg taghha ma` Simon Camilleri u li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li giet ikkonfermata bil-gurament tieghu, li permezz taghha ikkonferma :

1. Illi l-partijiet fil-kawza de quo ilhom separati ghal dawn l-ahhar erba' snin u cioe' mill-14 ta' April 2011 permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr Robert Bisazza;
2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;
3. Illi l-partijiet reciprokament irrinunzjaw ghall-obbligu tal-hlas ta' manteniment lil xulxin u ghalhekk ma tezisti l-ebda pendenza fil-konfront ta' xulxin;
4. Illi ma jezisti l-ebda prospett reagonevoli illi l-partijiet jirrikonciljaw;
5. Illi jaqbel mat-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors promotur, dment li kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dina l-procedura;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Mejju, 2015;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' April, 2011 u ilhom aktar minn erba' snin legalment separati;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------